# Beata Enrichetta Alfieri
# Soru tal-Karità 1891-1951

Kitba ta'
**Sr M. Antonietta Attard**

Maria Angela Domenica Alfieri, twieldet f'Borgo Vercelli, l-Italja ta' fuq nhar it-23 ta' Frar 1891. Kienet tfajla twajba, ta' karattru ħelu, il-pjaċir tagħha kien meta kien ikollha mod li twassal il-kelma t'Alla. Kienet ta' għajnuna kbira fil-parroċċa.


Il-Beata Enrichetta Alfieri

Minn kmieni ħasset is-sejħa li tingħata bil-forzi tagħha kollha għas-servizz ta' Alla. Nhar l-20 ta' Diċembru 1911 marret tħabbat il-bieb tal-Monasteru Santa Margerita ġewwa Vercelli. Hawn kien hemm is-Sorijiet tal-Karità ta' Santa Giovanna Antida Thouret. Dawn is-Sorijiet għandhom bħala kariżma tagħhom is-Servizz tal-Fqar.

Meta spiċċat iż-żmien tal-ewwel formazzjoni tagħha ħadet il-libsa ta' Soru u l-isem ta' Sr. Enrichetta. Issa setgħet tibda tipprepara ruħha għall-missjoni li kienet tistenniha. Is-superjuri bagħtuha tistudja f'Novara biex tieħu d-diploma ta' għalliema tal-iskola primarja . Kemm ferħet meta spiċċat it-taħriġ tagħha u setgħet tmur tibda x-xogħol li xtaqet hi. It-tfal kienu jħobbuha ħafna u hi ħassitha fil-Ġenna tal-Art qalb dawk l-innoċenti.

Il-ferħ ta' Sr. Enrichetta ma tantx dam għaliex fl-1917 mikrobu ta' marda kiefra 'il-mikrobu ta' Pot' ħakimha u tefagħha ġo sodda paralizzata. It-tobba għamlu kemm setgħu biex ifejquha imma kien kollu għal xejn.

Wara ħames snin il-Madonna Immakulata li tagħha kellha devozzjoni kbira semgħet it-talb tagħha u ta' dawk kollha li talbu għaliha u qalgħetilha l-fejqan b'miraklu. Kien hemm ferħ kbir fil-kongregazzjoni tas-Sorijiet tal-Karità.

Issa Sr. Enrichetta setgħet terġa' tibda l-ħidma tagħha tal-karità. Din id-darba mhux mat-tfal imma fil-Ħabs ta' Milan fejn Alla l-imbierek lestielha kamp ta' xogħol iktar wiesa' u iktar diffiċli. Nhar l-24 ta' Frar 1923 bdiet il-missjoni tagħha fil-Ħabs ta' San Vittore ġewwa Milan.

F'dan il-ħabs ix-xogħol tas-sorijiet kien li jieħdu ħsieb il-ħabsin, jgħinhom sew umanament kif ukoll spiritwalment. Swor Enrichetta kienet l-omm ħanina għall-ħabsin kollha. Huma ma setgħux ma jarawx fiha il-veru omm u kienu jgħajtulha *mamma* u dan l-appellattiv *la mamma di San Vittore* jew l-*Anġlu ta' San Vittore* baqgħulha wara mewtha wkoll.

Fl-1940 bdiet il-Gwerra u mal-gwerra l-persekuzzjoni tal-Lhud. Il-Lhud li kienu jinqabdu min-Nazi kienu jiġu arrestati u mitfugħin il-Ħabs San Vittore sakemm jintbagħtu fil-kampijiet tal-Konċentrament. Il-ħtija ta' dawn l-imsejkna Lhud ma kenitx ħlief li kienu Lhud. San Vittore sar ċentru tal-armata SS ta' Hitler.

Sr. Enrichetta ma felħitx tara lil-Lhud maħqura u mneżżgħa minn kull dritt uman u għalhekk għenet kull fejn setgħet biex tagħtihom id-dinjità tagħhom billi tħarrabhom u tgħaddilhom korrispondenza lill-familjari tagħhom.

Ħabsija Lhudija kellha biljett b'messaġġ għal ħutha biex tgħidilhom jaħarbu u Sr. Enrichetta bħalma għamlet dejjem ippruvat tgħinha. Qabduha, arrestawha u qegħduha f'ċella sotterranea fil-ħabs stess, fid-dlam u nieqsa minn kollox sakemm ġiet ikkundannata biex tiġi iffuċillata. L-esperjenza li għaddiet minnha Sr. Enrichetta nsibuha rrakontata minnha stess fil-ktieb **Memorie** fejn tagħti d-djarju tal-priġunija tagħha.

Il-Beatu Cardinal Idelfons Schuster ta' Milan li kien midħla ta' Mussolini qabeż għaliha u s-sentenza nbidlitilha fi priġunija f'kamp ta' konċentrament. Alla

hu dejjem magħna u ma jħallinix. Hekk għamel ma' Sr. Enrichetta. Wara ftit xhur spiċċat il-gwerra, l-alleati daħlu l-Italja u ħelsu lill-priġunieri politiċi kollha.

Sr. Enrichetta reġgħet marret fil-Ħabs fejn kienet biex tkompli l-missjoni qaddisa tagħha sakemm felħet. Hi kienet dawl u qawwa f'dak il-ħabs. Għaliha kull priġunier kien xbiha ta' Kristu batut u tathom id-dinjità li kienet tistħoqqilhom.

*La mamma di San Vittore* mietet fit-23 ta' Novembru 1951. Is-sorijiet li għexu magħha u nies li kienu jafuha ma naqsux jitolbuha taqlgħalhom grazzji li kellhom bżonn. Fost dawn id-devoti kien hemm soru li kellha neputija tagħha Stefania Copelli, li kienet sportiva nazzjonali, marida serjament b'kanċer f'imsarinha. Iz-zija u n-neputija talbu bil-ħerqa bl-interċessjoni ta' Sr. Enrichetta u l-miraklu sar. Stefania fieqet u għadha ħajja, illum għandha fuq it-tletin sena. Din kienet il-prova tal-qdusija li kienet tonqos biex tiġi beatifikata.

Nhar 26 ta' Ġunju 2011 mijiet ta' soriijiet tal-Karità nġabru f'Misraħ id-Duomo ta' Milan biex jassistu din il-funzjoni storika u qaddisa.

De Paule Jewellery
*White & Yellow Gold*
*Silver Jewellery - Silver Ornaments*
*Festina - Lotus - Fossil - Casio Watches*
*Any Gold and Silver Repairs*
**45, Antoine de Paule Square, Paola** *(In front of Health Centre)*
Tel: **2166 4372** Email: **curmiric@go.net.mt**

BELLAS STATIONERY
Stationery | Gifts | Cards | Prints from any device |
Copy | Binding | Lamination | Office Supplies |
Toys | Party Items & more
BAY Printing Services
Bellas Stationery
Best Prices on
Photocopies & Prints
Black 2c Colour 15c
74C, Paola Road, Tarxien
Tel:27800491, 99877215
bellas.shop@gmail.com
Find us on Facebook

KC's Confectionery
*32, Triq Birbixkilla*
**Mob: 7996 3071**
Prop. Kenneth Pisani

*Daily fresh milk, bread, cakes, and other food items.*
Open also on Sunday mornings.